**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 13 ta' Ottubru 2021**

**Rikors Numru: 159/2011 MLF**

**Christopher Cassar**

**vs**

**Erika Sammut Alessi**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors tal-attur li permezz tieghu talab lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuta sabiex bhala l-unika eredi ta' John Cassar (I.D. 41459M) li miet nhar it-tmintax (18) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u li s-successjoni tieghu hija regolata b'testment datat ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) fl-atti tan-Nutar Roland John Wadge, thallas lill-attur s-somma ta' erbat elef sitt mija u erbgha u tmenin euro u sebgha u sebghin centezmu (€4,684.77) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar mislufa mill-attur lil John Cassar u mhallsa lil Kummissarju tat-Taxxi Interni in segwitu ghal delega moghtija mill-istess John Cassar.

   Bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-hlas u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tas-sitta ta' Mejju elfejn u hdax u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment, kontra l-konvenuta.

2. Rat ir-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet:

i. Illi fl-ewwel lok, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2149 paragrafu (d) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

ii. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont kif pretiz u cioe' fis-somma ta' erbat elef sitt mija u erbgha u tmenin Ewro u sebgha u sebghin centezmu (€4684.77), mhux dovut mill-esponenti, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

(i) Illi dwar parti mis-somma reklamata mir-rikorrent, il-mejjet John Cassar, ma kien bl-ebda mod iddelega lir-rikorrent sabiex jaghmel xi hlasijiet.

(ii) Illi r-rikorrent agixxa ukoll bi ksur tad-delega lilu moghtija mill-mejjet John Cassar, u dan billi l-istess Christopher Cassar iddelega dan l-inkarigu lill-terzi persuni, kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-kawza.

(iii) Illi l-istess somma kif dedotta fl-avviz, mhix dovuta ghal diversi ragunijiet ohrajn li ser jirrizultaw waqt is-smigh tal-kawza, u b'mod partikolari peress illi ir-rikorrenti kien waqt hajjet John Cassar, irrinunzja ghal xi hlasijiet, u dan billi hafer dan id-dejn.

iii. Illi ghalhekk it-talba attrici hija infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-sitta (6) ta' Mejju elfejn u hdax (2011), u l-mandat ta' Sekwestru ipprezentat kontestwalment mar-rikors odjern.

3. Semghet ix-xhieda, rat id-dokument u l-atti kollha ipprezentati.

4. Rat ukoll in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Il-Fatti**

5. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. L-attur huwa hu certu John Cassar li gie nieqes nhar it-18 ta' Settembru 2010. John Cassar kien ghamel l-ahhar testment tieghu fl-atti tan-Nutar Roland Wadge u li permezz tieghu kien innomina lill-konvenuta bhala l-unika eredi tieghu u padruna assoluta ta’ gidu.[1]

ii. L-attur xehed li waqt li huh John Cassar kien ghaddej minn proceduri ta’ separazzjoni personali minn ma’ martu, kien talbu sabiex izommlu xi flejjes li kienu r-rikavat ta’ propjeta’ li l-attur kellu in kompropjeta’ ma’ hutu l-ohra. Qal li minn dawn il-flus, matul iz-zmien u fuq struzzjonijiet li kien itih huh John Cassar, l-attur kien jghaddilu parti minn dawn il-flejjes fi flus kontanti u parti ohra billi kien ihallaslu xi kontijiet. Qal li dan l-arrangament baqa’ ghaddej sas-sena 2004 u li dak iz-zmien l-attur kien hejja rendikont u ghaddih lil huh li kien ukoll approvah u iffirmah. Minn dan ir-rendikont jirrizulta li kien ghad fadal bilanc dovut mill-attur lil John Cassar fis-somma ta’ Lm314.94 ekwivalenti ghal €733.61.[2]

iii. L-attur kompla jispjega li dak iz-zmien huh kien beda jsofri minn problemi finanzjarji u li ghal din ir-raguni l-introjtu tieghu kien naqas sostanzjalment, sitwazzjoni li baqghet tippersisti sakemm gie nieqes. L-attur kompla jghid li ghal din ir-raguni u fuq talba ta’ huh, huwa kien accetta li jsellfu xi flejjes u dan, fost affarijiet ohra, biex ikun jista’ jhallas il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta’ Socjali. Spjega li l-pagamenti kienu jsiru direttament lid-Dipartiment koncernat permezz ta’ *cheques* mahruga mill-kont bankarju tal-attur. Il-kalkolazzjoni ta’ dak dovut lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni kienu jsiru mid-ditta Deloitte & Touche. Dawn il-hlasijiet saru bejn Gunju tas-sena 2005 u Novembru tas-sena 2008 ghal total ta’ €5,676.93. Kompla jghid li wara li minn din is-somma jitnaqqsu s-somom ta’ Lm105 ekwivalenti ghal €244.58 (li tirraprezenta l-ammont ta’ *cheque* li huh kien iggira favur tieghu[3]) u s-somma ta’ €733.61 (li tirraprezenta l-ammont tal-bilanc li kien ghad fadal mir-rikavat tal-bejgh tad-dar), kien jifdal bilanc dovut lill-attur minn huh John Cassar fis-somma ta’ €4,698.74.

---

[1] Ara t-testment immarkat bhala CC 23 a *fol*. 48 tal-process.
[2] Ara r-rendikont immarkat bhala CC1 a *fol*. 25 tal-process.
[3] Ara c-cheque iggirat fuq l-attur immarkat bhala CC14 a *fol*. 38 tal-process.

iv. L-attur kompla jixhed li sahhet huh kienet iddeterjorat u li ghalhekk kien hemm diversi okkazjonijiet fejn ghamel zmien rikoverat fl-isptar Mater Dei sakemm eventwalement gie nieqes. Spjega li f'dawk ic-cirkostanzi huwa ma deherlux li kellu jitlob dawn il-flejjes lil huh. Qal li wara l-mewt ta' huh, fil-bidu tas-sena 2011 kien kellem lill-konvenuta dwar dawn l-ammonti. Qal li dak iz-zmien il-konvenuta ma cahditx li dawn l-ammonti kienu dovuti u li hu kien bghatilha rendikont tas-somom dovuti lilu.[4] Spjega li sussegwentement kien hemm korrispondenza anke mal-avukat tal-konvenuta li permezz ta' ittra datata 10 ta' Mejju 2011 kien informah li madwar hames snin qabel il-konvenuta kienet tat lid-*decuius* zewg somom ta' flus biex bihom ikun jista' jhallas l-ammonti dovuti lill-attur. F'din l-ittra l-attur gie infurmat li dawn is-sommom ghandhom jitnaqqsu mill-ammont dovut lilu u li ghalhekk il-bilanc li jista' jkun dovut lill-attur kien jammonta ghal €1,376.93.[5]

v. Flimkien ma' din l-ittra kien hemm anness dikjarazzjoni datata 2 ta' Settembru 2010 mahlufa mid-*decuius* quddiem in-Nutar Roland Wadge li fiha iddikjara illi "*ma ghandi naghti flus lill-ebda persuna hlief ghal ammonti zghar li fit-total ma jaqbzux is-somma ta' elf euro*".[6]

vi. Tania Cassar u Arthur Cassar, hut l-attur u d-*decuius,* xehdu li fl-ahhar snin ta' hajtu, d-*decuius* kien ghamel diversi xhur rikoverat l-isptar. Spjegaw li wiehed mill-effetti tal-kura kien li f'certi okkazzjonijiet d-*decuius* ma kienx jibqa' konsistenti u lucidu fir-ragunament tieghu. Tania Cassar xehdet li matul dan iz-zmien hija kienet selfet lid-*decuius* is-somma ta' €1,000.[7] Arthur Cassar xehed li f'April tas-sena 2011, u cioe' wara l-mewt ta' huh John Cassar, huwa kien prezenti waqt diskussjoni bejn l-attur u l-konvenuta li kienet tirrigwarda s-somma pretiza mill-attur. Spjega li f'din l-okkazzjoni ma kienx intlahaq ftehim dwar l-ammont dovut lill-attur.[8]

[4] Ara r-rendikont immarkat CC2 a *fol*. 26 tal-process.
[5] Ara l-ittra datata 10 ta' Mejju 2011 immarkata bhala CC24 a *fol*. 49 tal-process.
[6] Ara d-dikjarazzjoni mahlufa a *fol*. 50 tal-process.
[7] Ara x-xhieda ta' Tania Cassar a *fol*. 60 tal-process.
[8] Ara l-affidavit ta' Arthur Cassar a *fol*. 67 tal-process.

vii. Il-konvenuta xehdet li f'xi zmien wara s-sena 2004, hija kienet tat lid-*decuius* is-somom ta' Lm2,000 u Lm1,900 kif ukoll ammonti zghar ohra, u dan biex id-*decuius* ihallas lill-attur. Ghar-rigward tas-somma ta' Lm2,000 xehdet li kienet rat lid-*decuius* jghaddi lill-attur fl-ufficju li l-attur kellu gewwa Triq l-Amery Ta' Sliema dawn il-flus go *envelope* li kienet ghadha kif gabet mill-bank. Ghar-rigward tas-somma l-ohra ta' Lm1,900 spjegat li d-*decuius* kien qalilha li kien ghadda dawn il-flus lill-attur u li f'din l-okkazzjoni hija ma kenitx prezenti.

viii. Il-konvenuta kompliet tixhed li matul is-Sajf tas-sena 2010 kien inqala' argument bejn l-attur u d-*decuius*, skond il-konvenuta, dwar il-propjeta' tad-*decuius*. Qalet li wara dan l-argument, id-*decuius* kien ghamel appuntament man-Nutar Roland Wadge. Spjegat li hija kienet prezenti waqt id-diskurasata li saret bejn id-*decuius* u n-Nutar u eventwalment giet iffirmata d-dikjarazzjoni datata 2 ta' Settembru 2010. Qalet li d-*decuius* kien diversi drabi staqsa lill-hutu jekk kellux jaghtihom xi flus, u li l-attur kien wiegeb li jekk kien hemm xi ammont dovut, dan kien zghir u ghalhekk ma kienx qieghed jippretendi li jithallas. Kompliet tixhed li wara l-mewt tad-*decuius*, inizjalment l-attur kien insista li kien dovut is-somma ta' €7,800, biex imbaghad naqqas dan l-ammont ghal dak li qieghed jippretendi f'din il-kawza.

ix. Fir-rigward tal-ittra datata 10 ta' Mejju 2011 u mibghuta mill-avukat taghha u l-bilanc indikat fl-istess ittra fl-ammont ta' €1,376.93, il-konvenuta xehdet li dan kien zball stante li l-ammont ta' Lm2,000 u Lm1,900 li hija kienet ghaddiet lid-*decuius* biex ihallas lill-attur kienu gew imnaqqsa minghajr ma saret il-konverzjoni taghhom fil-munita Euro, u li ghalhekk dawn l-ammonti jissuperaw dak pretiz mill-attur.

x. In-Nutar Roland Wadge xehed u kkonferma li kien hu li rrediga d-dikjarazzjoni datata 2 ta' Settembru 2010 u dan skond l-istruzzjonijiet li kien tah id-*decuius*. Fir-rigward tas-somma ta' €1,000 imsemmija f'dan id-dokument, in-Nutar spjega li hu kien hassu sorpriz ghaliex f'okkazzjoni precedenti l-attur kien qallu li kien dovut xi flejjes minghand id-*decuius*.[9]

[9] Ara x-xhieda tan-Nutar Roland Wadge a *fol*. 98 tal-process.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*L-Ewwel Eccezzjoni – il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikoli 2149 (d) tal-Kodici Civili*

6. Permezz tal-ewwel eccezzjoni taghha, il-konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2149(d) tal-Kodici Civili li jipprovdi hekk:

   *"**2149**. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn: (d) l-azzjonijiet tal-prokuraturi ad litem jew ta' prokuraturi oħra, jew mandatarji, għall-ħlas li jmisshom, għall-ispejjeż, li jagħmlu, għall-indennizz li jkollhom jieħdu għat-telf li jbatu, u għar-radd tal-flus li joħorġu minn tagħhom."*

7. Il-konvenuta tibbaza din l-ewwel eccezzjoni taghha fuq l-argument illi bejn l-attur u huh John Cassar kien hemm kuntratt ta' mandat u mhux dak ta' self kif qieghed jippretendi l-attur. Taht it-Titolu XVIII, il-Kodici Civili jipprovdi li l-mandat, jew il-prokura, hu kuntratt li bih persuna taghti lil persuna ohra s-setgha li taghmel xi haga ghaliha, u li l-mandat mhux perfett sakemm il-mandatarju ma jaccettax, liema accettazzjoni tista' anke tkun tacita u tista' tidher mill-fatt.

8. Huwa principju stabbilit kemm fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna u anke fil-ligi bis-sahha tal-Artikolu 562 tal-Kodici ta' Procedura Civili illi "*l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.*" Din id-disposizzjoni tal-ligi ma taghmilx distinzjoni jekk min qed jallega dak il-fatt ikunx l-attur jew il-konvenut fil-kawza, u ghalhekk l-interpretazzjoni moghtija mill-Qrati hija kostanti fis-sens li anke jekk il-fatt ikun qieghed jigi allegat mill-konvenut, dan ghandu l-obbligu li jissostanzja dak allegat bil-produzzjoni ta' provi konkreti.

9. F'dan il-kaz, hija l-konvenuta illi qeghda tallega l-ezistenza tal-mandat u ghaldaqstant kien jinkombi fuqha l-oneru li tipprovah sal-grad rikjest mil-ligi. Il-provi mressqa mill-konvenuta f'dan il-kaz kienu limitati ghax-xhieda taghha u ghax-xhieda tan-Nutar Roland Wedge, li ma jitfghu l-ebda dawl dwar in-natura tar-relazzjoni kuntrattwali ezistenti bejn l-attur u d-*decuius*. L-uniku superstiti f'dan l-allegat kuntratt, u cioe' l-attur, qieghed jikkontesta l-ezistenza tal-mandat tant li kemm fl-att promotur u anke

fid-deposizzjoni tieghu jispecifika li l-pretensjoni tieghu ma hijiex wahda ta' mandatarju ghar-radd tal-flus li hareg minn tieghu, izda ghall-hlas ta' bilanc ta' self li allegatament kien ta lid-*decuius*.

10. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali, din il-Qorti ma tistax tikkonkludi li r-relazzjoni kuntrattwali bejn l-attur u d-*decuius* kienet wahda ta' mandat. In oltre, il-Qorti tosserva li kienet l-istess konvenuta li permezz tal-ewwel parti tat-tieni eccezzjoni taghha eskludiet, tal-anqas limitatament ghal parti mis-somma pretiza, l-ezistenza tal-mandat u dan stante li b'mod specifiku eccepiet illi "*dwar parti mis-somma reklamata mir-rikorrent, il-mejjet John Cassar, ma kien bl-ebda mod iddelega lir-rikorrent sabiex jaghmel xi hlasijiet.*"

11. Fis-sentenza fl-ismijiet **Saviour sive Aldo Portelli vs Isabel Delia Barratt,** moghtija mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[10] nhar il-11 ta' Jannar 2006, li kienet titratta kaz fejn il-konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni *de quo* u fl-istess hin eccepiet li l-attur f'dak il-kaz ma kellux l-awtorizzazzjoni taghha, il-Qorti rriteniet hekk:

> "*Dan hu indott proprju mill-ewwel eccezzjoni taghha ghad-domanda ta' l-attur fejn tghid li l-attur ma jirrapprezentax lilha u ma kienx awtorizzat minnha. … … Jekk allura qatt ma ezista rapport ta' mandat, skond kif mistqarr, huwa ferm difficli ghal din il-Qorti biex tirrikoncilja din il-posizzjoni assunta mill-appellata mal-preskrizzjoni eccepita minnha, proprju fl-ahhar tal-procedura quddiem it-Tribunal. Hi ma tistax tippresupponi li l-attur kien il-mandatarju taghha sempliciment ghal fini tal-preskrizzjoni meta fl-istess waqt issostni li dan qatt ma kien hekk guridikament vestit minnha. La l-attur ma kellux minnha tali mandat l-azzjoni tieghu ghar-ripetizzjoni ta' dak li hallas mhix kolpita bil-preskrizzjoni specifika sollevata.*"

12. Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan l-insenjament. Il-konvenuta ma tistax teccepixxi l-preskrizzjoni ai temrini tal-Artikolu 2149(d) tal-Kodici Civili billi tinvoka l-ezistenza ta' kuntratt ta' mandat, u fl-istess nifs b'eccezzjoni ohra tinnega l-ezistenza tieghu. Jekk kif tallega l-konvenuta, id-*decuius* ma kien bl-ebda mod iddelega lill-attur

[10] *Per* Imhallef Philip Sciberras

biex jaghmel parti dawn il-hlasijiet, ghandu jsegwi li ghall-anqas limitatament ghal dik il-parti tal-hlasijiet, bejn l-attur u d-*decuius* ma kien hemm ebda mandat, u konsegwentement l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2149(d) sollevata mill-konvenuta ma tistax tigi milqugha.

*Il-Mertu*

13. Permezz ta' din il-kawza l-attur qed jitlob il-hlas ta' somma rapprezentanti bilanc ta' somma akbar mislufa lil huh John Cassar, li tieghu l-konvenuta hija l-unika eredi, u mhallsa lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fuq struzzjonjiet tal-istess John Cassar.

14. In sostenn tat-talba tieghu, l-attur esebixxa kopja ta' numru ta' *cheques* mahruga mill-kont bankarju tieghu u li permezz taghhom l-attur ghamel pagamenti lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni. In oltre, l-attur irnexxielu jipprova ukoll li dawn il-pagamenti kienu qeghdin isiru ghan-nom ta' huh John Cassar u dan peress illi mir-ricevuti relattivi jirrizulta li dawn inhargu fuq isem John Cassar u d-dettalji tal-pagament jikkorrispondu mal-kont bankarju tal-attur u man-numri tac-*cheques* relattivi.

15. It-tieni eccezzjoni tal-konvenuta hija maqsuma fi tlett partijiet. Fl-ewwel parti l-konvenuta teccepixxi li dwar parti mis-somma, id-*decuius* ma kienx iddelega lill-attur biex ihallas. F'dan ir-rigward il-Qorti terga' taghmel referenza ghall-principju li ghalih diga' saret referenza fil-kunsiderazzjonijiet li din il-Qorti ghamlet dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, u cioe' li kull parti li tallega fatt ghandha l-oneru li tissostanzja dak minnha allegat permezz ta' evidenza rilevanti. Huwa imbaghad il-kompitu tal-gudikant li ghab-bazi ta' dik l-evidenza jqis jekk dik l-allegazzjoni gietx ipprovata jew le.

16. Il-Qorti tosserva li dwar din il-parti tat-tieni eccezzjoni taghha, il-konvenuta ma ressqet ebda prova. Lanqas meta xehdet permezz tal-procedura tal-affidavit jew waqt il-kontro-ezami taghha, l-konvenuta ma tatx xi tip ta' spjegazzjoni dwar liema mill-ammonti pretizi mill-attur hi qeghda tirreferi f'din il-parti tat-tieni eccezzjoni taghha. Fid-dawl ta' dawn l-insufficjenzi fl-evidenza sottomessa, din l-ewwel parti tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuta qeghda tigi michuda.

17. Fit-tieni parti tat-tieni eccezzjoni taghha l-konvenuta teccepixxi li l-attur agixxa bi ksur tad-delega li kienet inghatat lilu mid-*decuius* billi iddelega l-inkarigu tieghu lil terzi. Il-Qorti tqis li anke f'dan is-sens hemm karenza probatorja da parti tal-konvenuta. Lanqas fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-konvenuta ma tatx indikazzjoni kif u lil min l-attur allegatament iddelega l-inkarigu li kien inghatalu.

18. Madankollu u ghal fini ta' kompletezza, il-Qorti tosserva li mill-provi prodotti jirrizulta li l-uniku terz li kien involut fil-pagamenti maghmul mill-attur kienet id-ditta Deloitte & Touche li kienet tiehu hsieb il-kalkolazzjoni ta' dak dovut mid-*decuius* u l-preparazzjoni tad-dokumentazzjoni li kellha tigi sottomessa mad-Dipartiment tat-Taxxi Nterni. F'dan ir-rigward l-attur xehed hekk: "*Effettivament, li kien jigri kien li meta mmur ghand l-Awdituri tieghi Deloitte & Touche fuq xoghol tieghi stess, kont nitlobhom jikkalkulaw x'kien dovut minn hija lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni u nghaddilhom ic-cheque relattiv. Da parti taghhom, huma kienu jibghatu l-hlas lid-Dipartiment*."[11] Ma jirrizultax li l-attur qieghed jitlob kumpens ta' dak li seta' kien dovut lil din id-ditta ghal dan ix-xoghol. In oltre, mill-atti lanqas jirrizulta li d-*decuius* kien f'xi zmien oppona jew irrezista l-involviment ta' din id-ditta fil-preparazzjoni tad-dokumentazzjoni necessarja. Konsegwentement anke din it-tieni parti tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuta ser tigi michuda.

19. Permezz tat-tielet parti tat-tieni eccezzjoni taghha l-konvenuta eccepiet li waqt li kien ghadu haj id-*decuius*, l-attur kien irrinunzja ghal xi hlasijiet u dan billi hafer dak li seta' kien dovut. F'dan ir-rigward il-konvenuta xehdet li d-*decuius* kien f'diversi okkazjonijiet staqsa, kemm lill-attur u anke lill-hutu l-ohra, jekk kienx hemm xi ammonti dovuti lilhom minnu. Il-konvenuta qalet li ghal dan il-kwezit l-attur kien wiegeb li l-ammont kien zghir u li ghalhekk ma kienx qieghed jippretendi li jithallas tieghu.

20. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li hija gurisprudenza pacifika tal-Qrati taghna illi r-rinunzja tad-dritt trid tirrizulta minn espressjonijiet cari u univoci u mhux minn espressjonijiet generici. Fis-sentenza fl-ismijiet **Barone Filippo Azzopardi Zammit vs Negte. Joseph Formosa** deciza nhar is-27 ta' April 1933 il-Qorti tal-Kummerc irriteniet hekk: "*... le espressioni surriferite sono troppo generiche per potere fondare*

[11] Ara paragrafu 6 fl-affidavit tal-attur a *fol.* 19 tal-process.

*sulle stesse una rinunzia di diritti, che deve risutare da espressioni chiare ed univoche*." Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Abela nomine vs Paul Azzopardi** deciza nhar it-30 ta' Mejju 1952, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat sentenza tal-Qorti tal-Kummerc li irriteniet hekk:

> *"F'dan il-konflitt il-Qorti ma tistax thossa konvinta illi l-konvenut irrinunzja ghad-drittijiet tieghu … … molto piu' illi ir-rinunzji huma "di stretto diritto" u ghandhom jirrizultaw minn fatti assolutament inkonciljabili mal-konservazzjoni tad-dritt, u li juru l-volonta` preciza tar-rinunzja (ara Coen, voce Rinunzia, para. 5 u 9). F'dan il-kaz, anki l-fatt stess, pretiz argument tar-rinunzja, huwa dubju; ghaliex hemm ix-xhieda ta' l-attur kontradetta minn dik tal-konvenut bla abda element iehor ta' prova."*

21. Fil-kaz odjern, il-verzjoni tal-konvenuta li l-attur kien irrinunza ghal dak li kien dovut lilu hija kkontestata u kontradetta mix-xhieda tal-attur fejn iddikjara li huwa ma kien qatt irrinunzja ghal hlas lura tas-self li kien ghamel lid-*decuius*, izda li ma kienx talab il-hlas qabel minhabba l-kundizzjoni prekarja ta' sahha li fiha kien jinsab id-*decuius* fix-xhur li precedew il-mewt tieghu. Il-verzjoni tal-konvenuta wahidha, tenut kont tal-kontestazzjoni tal-attur u tal-fatt li din il-verzjoni ma hijiex sopportata minn provi ohra, ma tistax tigi accettata minn din il-Qorti bhala prova cara u univoka tar-rinunzja allegata. Konsegwentement anke din it-tielet parti tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuta ser tigi michuda.

22. Permezz tat-tielet eccezzjoni taghha l-konvenuta eccepiet b'mod generiku li t-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt. Wiehed mill-argumenti tal-konvenuta huwa li dak dovut lill-attur ma ghandux jeccedi s-somma ta' elf Euro u dan ghab-bazi ta' dikjarazzjoni mahlufa li kien ghamel id-*decuius* fit-2 ta' Settembru 2010, u cioe' ftit granet qabel il-mewt tieghu, fejn kien iddikjara li huwa ma kellux dejn ma' terzi "*hlief ghal ammonti zghar li fit-total ma jaqbzux is-somma ta' elf euro*".[12] F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li dan l-argument tal-konvenuta ma jreggix, u dan stante li din ma hija xejn hlief dikjarazzjoni unilaterali tad-*decuius* li bl-ebda mod ma tista' torbot lill-attur. L-obbligazzjonijiet ma jispiccawx ghaliex jikkontesthom id-debitur, izda bil-modi

[12] Ara d-dikjarazzjoni mahlufa a *fol*. 50 tal-process.

mahsuba fl-Artikolu 1145 tal-Kodici Civili. Din id-dikjarazzjoni ma tikkwalifikax taht l-ebda wiehed minn dawn il-modi u konsegwentement ma tistax tigi kkunsidrata bhala prova tal-*quantum* tad-debitu. In oltre, in-Nutar Roland Wadge li quddiemu giet mahlufa din id-dikjarazzjoni xehed li kien sorpriz li John Cassar ried jaghmel tali dikjarazzjoni, ghaliex Chris Cassar (l-attur) kien qallu li John kellu jtih xi flus, imma li ma kienx il-hin li jitlobhom.[13]

23. Finalment u b'referenza ghall-allegazzjoni tal-konvenuta li hi kienet, f'zewg okkazzjonijiet, ghaddiet flejjes lid-*decuius* sabiex huwa jhallas id-dejn dovut minnu lill-attur, il-Qorti tqis li kif gie kostantement ritenut mill-Qrati taghna, il-prova tal-hlas trid issir minn min jallegah u li l-ahjar prova li konvenut jista' jgib hija ir-ricevuta.

24. Fis-sentenza fl-ismijiet **Angelo Scicluna vs John Scerri** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit- 30 ta' Mejju 1951 inghad illi "*hu car li l-fatt tar-ricevuta, kieku kien hemm, kien ikun prova ta' pagament. Jekk ma hemmx il-konsegwenza hi biss li tonqos dik il-prova*". Fis-sentenza fl-ismijiet **John Grech vs Direttur tas-Sigurta` Socjali** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[14] fis-17 ta' Ottubru 2008 gie ritenut illi *"... ... ... in-nuqqas ta' esebizzjoni ta' ricevuti ma jwassalx ghal daqshekk biss biex l-allegazzjoni li jkun sar certu hlas tigi disdetta ... ... Dan ma jffissirx pero` li l-prova ta' dak il-hlas ma tkunx tista' ssir b'kull mezz iehor ammess u rikonoxxut mid-dritt probatorju ... ... dik il-prova, fl-assenza ta' ricevuta, trid tkun wahda univoka, konklussiva, u, fuq kollox, konvincenti*".

25. Fuq dan l-insenjament ghalhekk, ir-ricevuta mhijiex indispensabbli ghaliex il-konvenut jista' jipprova l-hlas permezz ta' provi ohra li bihom jikkonvinci lill-gudikant li l-hlas ikun sar. F'dan il-kaz il-konvenuta ma esebiet l-ebda ricevuta. Hi xehdet li dawn il-flejjes inghataw lill-attur fi flus kontanti wara preljev li kienet ghamlet mill-kont bankarju taghha. Minn dan isegwi li l-konvenuta, fin-nuqqas ta' ricevuta, setghet tressaq provi ghall-anqas ta' dan il-preljev permezz ta' mezzi li certament kienu disponibbli ghaliha, xi haga li l-konvenuta naqset milli taghmel. In oltre, il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax il-mod vag li bih xehdet il-konvenuta fir-rigward ta' dawn l-allegati hlasijiet, u dan kemm fir-rigward ta' l-ewwel pagament fejn xehdet li hija kienet

[13] Ara x-xhieda tan-Nutar Roland Wadge a *fol*. 101 tal-process.
[14] *Per* Imhallef Philip Sciberras

baqghet barra waqt li d-*decuius* dahal fl-ufficju tal-attur, u anke fir-rigward tat-tieni pagament fejn xehdet li hija kienet qaghdet biss fuq dak li kien qalilha d-*decuius*. Hemm dubbji wkoll dwar iz-zmien meta dawn l-allegati hlasijiet gew imwettqa, u cioe' jekk hux qabel jew wara s-self *de quo*. Fid-dawl ta' dawn in-nuqqasijiet, il-konvenuta altru milli gabet prova univoka, konklussiva, u konvincenti tal-hlasijiet minnha allegati. Ghalhekk anke t-tielet eccezzjoni taghha ser tigi michuda.

26. Konsewgentement it-talba attrici ser tigi milqugha fl-intier taghha.

**Konkluzjoni**

27. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta;

2. Tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' erbat elef sitt mija u erbgha u tmenin Euro u sebgha u sebghin centezmu (€4,684.77), bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Mejju 2011 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Mejju 2011 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur, ghandhom jigu subiti mill-konvenuta.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**